MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1393/1998/1

**Maltacom p. l. c.**

**Vs**

**Busietta Gardens Madliena Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta’ Gunju 1998 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond il-ftehim relattiv ghas-servizzi tat-telefon anness ma’ l-att tac-citazzjoni u markat Dok. A u Dok. B kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom p. l. c.), is-socjeta` konvenuta

ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm5066.61) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattiv ghal-linji bin-numri tlieta, sebgha, hamsa, sitta, sitta, zero (375660) u  tlieta, sebgha hamsa, sitta, sitta, wiehed (375661), skond il-prospetti annessi ma' l-att tac-citazzjoni u markati bhala Dok. C u Dok. D;

Premess illi s-socjeta` konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.  Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef sitta u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm5066.61);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-degriet moghti fil-25 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1998 illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma mitluba ma hijiex dovuta;

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta kienet talbet rapport minghand is-socjeta` attrici b' elenku tat-telefonati kollha li gew debitati fuq il-kont taghha. Irrizulta li l-kont tas-socjeta` konvenuta kienet gie debitata b' hafna *calls* esteri, liema *calls* qatt ma saru minghand is-socjeta` konvenuta. L-ilmenti tas-socjeta` konvenuta f' dan is-sens baqghu ma sabu l-ebda riskontru; illi ghalhekk il-prospetti ezebiti fil-kawza odjerna ma jurux l-ammont li huwa dovut fuq in-numru tat-*telephone* in kwistjoni;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, parti mit-talba hi preskritta bil-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hija kawza semplici fejn is-socjeta` attrici qed tiddomanda minghand is-socjeta` konvenuta l-hlas ghall-uzu tas-servizz tat-*telephone* fuq linji numri 375660 u 375661;

Kontra din il-pretensjoni s-socjeta` konvenuta tissoleva b' difiza illi l-ammont reklamat ma kienx dovut u li f' kull kaz parti minnu kienet preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148

(f) tal-Kodici Civili. Tillanja wkoll illi l-kont gie addebitat b' hafna *calls* fl-esteru li hi tghid li ma sarux;

L-isfond ta' fatt li johrog mill-provi fl-atti huwa kif gej:-

1. Fit-3 ta' Jannar 1992 sar ftehim ghall-installazzjoni taz-zewg linji tat-*telephone* f' Busietta Gardens hawn fuq specifikati. Ara dokumenti korrispondenti a fol. 4 u 5 tal-process;

2. Ghas-sodisfazzjoni tas-socjeta` konvenuta, u fuq rikjesta taghha, gew esebiti "Itemised Calls" (fol. 28 sa fol. 80);

Sa hawn allura l-prova nkombenti fuq is-socjeta` attrici giet, ghall-finijiet tat-talba, sodisfatta. Kif rilevat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Saviour Farrugia *nomine* -vs- Margaret Vella *et***", "fejn si tratta ta' hlas ta' servizz li ghalih wiehed jintrabat li jhallas rata determinata relatata mal-frekwenza ta' l-uzu ta' dak is-servizz, il-prova mhux biss ta' l-ammont dovut imma wkoll tal-frekwenza ta' l-uzu kienet tispetta lil min jippresta s-servizz u jippretendi l-hlas tieghu, f' dan il-kaz il-Korporazzjoni attrici";

Jirrizulta, imbaghad, minn dokumenti ohra esebiti illi fil-mori tal-kawza l-kontendenti lahqu qbil dwar l-ammont dovut relatat ma' varji linji tat-*telephone*, komprizi dawk meritu tal-kawza. F' dan il-ftehim datat 9 ta' Ottubru 2000 (fol. 89) gie pattwit il-modalita` ta' kif kellu jsir il-hlas mis-socjeta` konvenuta;

Jidher li dan il-ftehim gie konsegwit b' iehor datat 20 ta' Gunju 2001, esebit mis-socjeta` konvenuta a fol. 95 li minnhom jirrizulta, *inter alia*, varjazzjoni fir-rata tal-pagament mensili li kellu jsir mis-socjeta` konvenuta biex jissodisfa l-istess ammont totali precizat fil-ftehim precedenti;

Kuntrarjament ghal dak ritenut mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici (ara verbal a fol. 101) dan it-tieni ftehim kien ukoll jikkomprendi l-ammont relattiv ghal-linji tat-*telephone de quo agitur*, anke jekk fih jissemmew incidentalment u b' zieda numri ohra tat-*telephone*;

Cionostante, minkejja dan it-tieni ftehim, l-ammont dovut baqa' ma giex saldat u, gjaladarba t-terminu koncess ghad-dilazzjoni tal-pagament skada, dan l-istess ammont baqa' sal-lum dovut;

Naturalment anke jekk *gratia argomenti* kellu jigi ritenut illi l-preskrizzjoni eccepita hi applikabbli, li ma hijiex, xorta wahda ormai din ma kien ikollha l-ebda effett. Dan in kwantu hu pacifiku illi min jaccetta li jhallas, wara li jkun ghadda z-zmien ghall-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni gja akkwistata (**Kollez. Vol. XLIII P II p 684**);

Fic-cirkostanzi ghalhekk gie provat illi s-socjeta` konvenuta ghamlet il-*calls*, kif dettaljati fl-i*statement* kopjuz esebit, u li l-ammont mitlub ghadu dovut minnha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u b' hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef sitta u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm5066.61,0), flimkien ma' l-imghax mit-22 ta' Ottubru 1998, data tan-notifika tac-citazzjoni;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------